# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 10 ta'Ottubru 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**vs**
**Jason Bartolo**

**Kumpilazzjoni Nru: 424/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jason Bartolo detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 464770(M).

Akkuzat talli:

Fit-28 ta' Dicembru, 2012 ghall-habta tal-21:45hrs gewwa Triq il-Marfa, Mellieha:

1. Saq b'velocita' aktar milli jmissu.
2. Saq vettura Nru JMC 230 b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza, (c) u bla kont.
3. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Pio Valletta skond kif iccertifika Dr. Michael Spiteri M.D. minn Mater Dei Hospital.

Il-Prosekuzzjoni titlob lill-Qorti li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota n-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema, ai termini ta'l-artikolu 370(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja ghal reati prospettati fis-segwenti dispozizzjonijiet:

1) l-artikolu55(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 127(1) ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994;
2) l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; u
3) l-artikolu 226(1)(a) b'referenza ghall-fatti imsemmija f'l-artikolu 225(1) u ghall-konsegwenzi imsemmija f'l-artikolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jitratta incident stradali li sehh nhar it-28 ta' Dicembru 2012 ghall-habta tad-09.45 ta' fil-ghaxija fi Triq il-Marfa Mellieha u li kien jinvolvi tlett vetturi: dik tat-tip Seat Ibiza b'numru ta' registrazzjoni JMC 230 misjuqa minn (u propjeta ta') Jason Bartolo; dik ta' tip Fiat 500 b'bumru ta' registrazzjoni KBP 072[1] misjuqa minn (u projeta ta') Pio Valletta; u l-vettura ta' tip Opel Corsa b'numru ta' registrazzjoni KAA 551 liema vettura kienet propjeta ta' Neal Borg u fil-hin ta'l-incident kienet ipparkeggjata.

Illi dwar il-fatti ftit li xejn hemm kontestazzjoni, partikolarment ghal dak li jirrigwarda d-dinamika ta'l-incident. Jirrizulta ampjament li l-parte leza kien qed isuq fil-karregjata tieghu fid-direzzjoni ta'l-Ghadira mentri l-imputat kien qed isuq fid-direzzjoni tal-Mellieha. F'xi hin l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, qasam it-triq u habat f'vettura li kienet ipparkeggjata (dik ta' Neal Borg), baqa miexi ghal wiehed u tlettin (31)

[1] Dak in-nhar ta'l-incident din il-vettura kellha numru ta' registrazzjoni personalizzat li kien "PV".

metru kontra d-direzzjoni tat-traffiku u habtet ukoll fil-vettura misjuqa mill-parte leza; dak il-hin din il-vettura tal-parte leza kienet kwazi *at a standstill*.

Illi mid-depozizzjoni ta' Pio Valletta[2] jirrizulta li huwa kien qed isuq f'l-imsemmija triq fid-direzzjoni ta'l-Ghadira; mieghu kellu passiggier: Terrance Donolly. Meta wasal fil-liwja fil-vicinanzi tal-Luna Holiday Complex ra vettura, li taghha s-sewwieq kien ovvjement tilef il-kontroll, tisswervja u gejja bi speed qawwi hafna dritt ghal fuqu (cioe ghal fuq il-vettura tal-parte leza). Il-parte leza jghid li hu kien qed isuq bil-mod hafna tant li malli induna bil-vettura ta'l-imputat u rrealizza li kienet gejja dritt ghal fuqhom hu lahaq kwazi waqqaf; jispjega li mill-mument li ra l-vettura ta'l-imputat sal-mument ta' l-impatt, li kien wiehed qawwi hafna, ghaddew biss ftit sekondi. Aktar minn hekk l-parte leza jghid li vetturi ohra jsuqu fit-triq f'l-istess direzzjoni tieghu (cioe sejrin lejn l-Ghadira) ma kienx hemm sa fejn seta' jara hu.

Illi fid-depozizzjoni tieghu l-parte leza spjega fid-dettal ukoll l-griehi li soffra bhala rizultat ta'dan l-incident u l-kura li kellu bzonn. F'dan ir-rigward xehedu ukoll Dr Michael Spiteri[3] u Mr Thomas Azzoppardi[4].

Illi l-passiggier li kien hemm fil-vettura misjuqa mill-parte leza, Terrence Donnoly, tressaq bhala xhud. Huwa jispjega li l-parte leza kien qed iwasslu ic-Cirkewwa; meta niezlu n-niezla tal-Mellieha u waslu fil-vicinanzi ta' lukanda li ma ftakarx isimha ra dawl ta' vettura gejja bi speed qawwi mid-direzzjoni opposta. Hu ra din il-vettura tahbat ma xi haga (dak il-hin ma kienx jaf hux mal-hajt u mal-vettura li kienet ipparkjata) man-naha taghhom tat-triq u mbaghad jibqa gew ghal fuqhom[5].

Illi l-imputat kellu passiggier mieghu, certu Joseph Fenech; dan ukoll tressaq bhala xhud mill-prosekuzzjoni. Kull ma qal fid-depozizzjoni tieghu hu li l-imputat kien qed isuq mill-Ghadira fid-direzzjoni tal-Mellieha meta f'xi hin (hu kien qed jilghab bil-mobile) hass skoss, refa' ghajnejh, ra dawl qawwi go ghajnejh u gara l-incident. In kontro ezami huwa baqa' jinsisti li dak kull ma jaf fuq l-incident pero mitlub jghid b'liema velocita kien qed isuq l-imputat huwa qal li kien ghaddej b'velocita normali, u li velocita normali

[2] Id-depozizzjon tieghu nghatat fil-25 ta' Gunju 2012 a fol 38 et seq; xehed ukoll in konto-ezami fis-6 ta' Lulju 2015 a fol 121 et seq.
[3] Depozizzjoni a fol 55 et seq.
[4] Depozizzjoni a fol 76 et seq.
[5] Depozizzjoni a fol 113 et seq.

ghalih hija dik ta' xi erbghin kilometru fis-siegha. Izid li l-imputat forsi kien ghaddej "*xi harira aktar*" minn dan in-normal[6].

Illi xehed ukoll is-surgent li investiga dan il-kaz, PS419 Anton Buttigieg, li esebixxa l-okkorrenza[7] u l-iskizz minnu redatt[8]; ma irrizultax li kien hemm sinjali ta' brejkijiet jew skiddjar. Mill-iskizz pero jirrizulta li ma'l-impatt il-vettura tal-parte leza daret biex giet *at right angle* mat-triq b'nofsha fuq il-bankina. Jidher li anke l-vetura li kienet ipparkjata iccaqalet xi ftit ma'l-impatt. Dan ix-xhud jispjega li l-imputat kien ittiehed ghall-kura medika f'centru tas-sahha minn xi hbieb ghalhekk ma setghax ikellmu fuq il-post ta' l-incident. Huwa fil-fatt tkellem ma'l-imputat aktar tard meta baghat ghalih biex jigi l-ghassa biex sar il-breathalyzer[9] li rrizulta fin-negattiv[10]. L-imputat dak il-hin ta il-verzjoni tieghu lis-surgent; qal li kien ghaddej, fil-liwja giet vettura bil-bright mixghul, ma baqax jara, qasam ghan-naha l-ohra tat-triq, habat mal-vettura ipparkjata, u mbaghad fil-vettura tal-parte leza.

Illi l-imputat ghazel li jixhed quddiem din il-Qorti[11]. Dwar l-incident jghid li kien qed isuq fit-triq imsemmija mid-direzzjoni ta'l-Ghadira ghall-Mellieha. Meta kien qabez it-Tunny Net naqra' l fuq, xi hamsin metru, jara dawl ta' karozza bright minn quddiemu, gibed 'l gewwa, hass skoss ghax kien hemm hofra, habat rasu mal-pilastru tal-bieba, u mbaghad ma jiftakar xejn aktar hlif kien hemm il-habta.Mistoqsi jekk x'hin kien tilgha lejn it-Tunny Net kienx hemm vetturi ohra fit-triq l-imputat jghid li f'l-istess direzzjoni tieghu quddiemu ma kien hemm xejn, u fid-direzzjoni opposta kien ra vetturi pero hafna qabel, hdejn ir-roundabout. Jghid ukoll li lanqas biss kien jaf li laqghat il-vettura li kienet ipparkjata qabel l-impatt mal-vettura tal-parte leza, sar jaf l-ghada ghax qaltlu l-mara tieghu wara li rat l-ahbarijiet. L-imputat esebixxa ritratti[12] mehuda xi xhur wara l-incident li juru il-post fejn sehh l-incident u anke l-istat tat-triq. In kontro-ezami l-imputat jammetti li huwa kien qed isuq b'velocita ta' xi tmenin jew mitt kilometru fis-siegha meta l-limitu tal-velocita f'dik il-parti tat-triq huwa hamsa u hamsin kilometru fis-sieghu. L-

---

[6] Dan ix-xhud Joseph Fenech iddepona l-ewwel darba nhar is-16 ta' Jannar 2015 a fol 98 et seq, u sarlu kontro-ezami nhar il-25 ta' Jannar 2016 a fol 142 et seq.
[7] Dok AB1 a fol 86 et seq.
[8] Dok AB2 a fol 96.
[9] Ref Dok AB3 a fol 97.
[10] Depozizzjoni a fol 84 et seq.
[11] Depozizzjoni a fol 127 et seq.
[12] Dok JB1 a fol 1 36.

imputat soffra xi griehi f'dan l-incident li gew certifiakti minn Dr Andrea Aquilina[13].

Illi tressq bhala xhud in difeza certu Emy Vella[14] li kien qed isuq immedjatament wara l-imputat fil-hin ta' l-incident.Huwa jghid li f'dik il-parti tat-triq hemm hofra, l-imputat prova jiskapolha, il-vettura tieghu baqghet sejra n-naha l-ohra u habtet ma' vettura u l-hajt. Vella jghid li malli ra hekk waqaf u mar jghati l-ewwel ghajnuna. Vella ma jiftakarx kienx hemm karozzi ohra fit-triq pero jghid li hu ukoll kellu jaghmel manuvra biex jevita l-hofra. Jghid ukoll li d-distanza bejn il-vettura tieghu (van pick up) u ta'l-imputat kienet ta' xi zewg vetturi u li hu (Vella) kien qed isuq b'xi erbghin kilometru fis-siegha. Vella spjega ukoll li kien hemm vetturi ipparkjati mal-genb fil-karreggjata taghhom ghalhekk biex tiskapola l-hofra bil-fors trid tigbed 'l barra.

Illi tressqu bhala xhieda in difeza ukoll rapprezentant tal-Kunsill Lokali tal-Mellieha (Carmel Debono)[15], rapprezentant tad-Direttorat tat-Toroq u Infrastruttura fi hdan Transport Malta (Nicholas Baldacchino)[16]. Baldacchino spjega li it-triq fejn sar l-incident taqa' taht ir-responsabbilta tal-Kunsill Lokali u li ma saritihom l-ebda talba ghall-permess ghal xi xoghol f'dik it-triq inkluz xoghol ta' *patching*. Debono min-naha l-ohra qal li ilmenti dwar dik it-triq ma rceviex il-Kunsill u li ma saru l-ebda xogholijiet fiha fil-perjodu ta'qabel jew wara l-incident[17].

Illi minn dan ir-riassunt tal-provi prodotti huwa car li hemm xi diskrepanzi li jinfluwixxu fuq il-kredibilita tal-persuni koncernati. Per ezempju:

- Fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti l-imputat jghid li ghamieh id-dawl *bright* ta' xi vettura ohra, gibed 'l gewwa, hass skoss, habet rasu mal-pilastru tal-bieba u ma jiftakar xejn aktar. Meta a tempo vergine[18] ta l-verzjoni tieghu lil pulizija huwa sempliciment qallhom li ma baqax jara minhabba d-dawl bright ta' xi vettura, qasam it-triq, habat mal-vettura li kienet ipparkjata, u mbaghad habat fil-vettura tal-parte leza. Lill-pulizija la qallhom li hass skoss minhabba xi hofra u lanqas qallhom li habat rasu b'forza tali li minn dak il-mument ma ftakar xejn izjed.

[13] Hija xehedet nhar it-23 ta' Frar 2015 depozizzjoni a fol 110 et seq.
[14] Depozizzjoni a fol 146.
[15] Depozizzjoni a fol 139.
[16] Depozizzjoni a fol 153.
[17] Huwa xehed b'referenza ghal ricerka li ghamel li tkopri minn xhur qabel l-incident sa sena wara.
[18] Ftit sieghat wara l-incident, meta diga kien mar jiehu l-kura u allura kellu cans jikkalma ftit wara dan l-incident.

- Fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti l-imputat qal li sar jaf li huwa habat ukoll f'vettura ipparkjata l-ghada ta'l-incident minghand il-mara tieghu, wara li din kienet rat l-ahbarijiet. Pero ftit sieghat wara l-incident[19] meta kien qed jaghti l-verzjoni tieghu lill-pulizija huwa qallhom li habat f'vettura ipparkjata u fil-fatt kien ftakar kull ma kien gara.
- Emy Vella li kien qed isuq immedjatament wara l-imputat jghid li kien hemm vettura ipparkjata man-naha taghhom tat-triq u l-unika manuvra li setghu jaghmlu biex jevitaw il-hofra kienet li jigbdu 'l barra. L-imputat pero jghid li meta ghamieh il-bright huwa gibed 'l gewwa. Il-Qorti difficilment tifhem kif ma setghax jigbed 'l gewwa biex jevita l-hofra, pero irnexxielu jigbed 'l gewwa wara li ghamieh il-bright minghajr ma habat mal-vettura ipparkjata man-naha tieghu tat-triq.
- Emy Vella jghid li huwa kien qed isuq b'xi erbghin kilometri fis-siegha u li kien qed isuq wara l-imputat qed izomm distanza ta' xi zewg vetturi bejniethom. L-imputat pero jghid li huwa kien qed isuq b'velocita ta' tmenin / mitt kilometru fis-siegha. Dan ifisser li jew Vella ma kienx korrett meta qal li kien qed isuq b'l-erbghin jew, jekk veramnet kien qed isuq b'l-erbghin, li ma setax ilahhaq ma'l-imputat u ghalhekk ma setghax jara x'gara fil-hin ta'l-incident. Dwar il-velocita anke Joseph Fenech qal li l-imputat kien ghaddej b'l-erbghin. Il-Qorti tapprezza li passiggier mhux necessarjament li jkun jista' jghid bi precizzjoni b'liema velocita tkun ghaddejja il-vettura li jkun riekeb fiha pero id-differenza bejn velocita ta' erbghin kilometru fis-siegha u tmenin/mitt kilometru fis-siegha hija konsiderevoli u difficilment wiehed jista' jhawwad wahda ma'l-ohra.
- L-imputat konsistentement jallega li l-ewwel haga li tellfitu l-kontroll kien id-dawl bright ta' vettura ohra. Pero fuq mistoqsija diretta ta'l-avukat tieghu jghid li vetturi ohra quddiemu ma kienx hemm u vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta ma kienx hemm ghax dawk li kien hemm kienu lahqu ghaddewh hdejn ir-roundabout. Il-passiggier li kellu mieghu, Joseph Fenech, jghid biss li ra dawl minghajr ma jsemmi karozzi. Min-naha l-ohra Emy Vella, li suppost kien qed isuq immedjatament wara l-imputat ma jsemmiex dawl imma jinsisti li l-imputat ghamel manuvra biex jevita hofra.

Illi hemm element iehor li jitfa' dell fuq il-kredibilita ta'l-imputat: ir-ritratti esebieti minnu stess. F'dan ir-rigward ghandu jigi carat li l-Qorti m'ghandha

[19] Jirrizulta mill-breathalyzer li huwa kien qieghed l-ghassa ghall-habta ta' 00.30hrs

l-ebda raguni ghalfejn tiddubita dak li qal r-rapprezentant tal-Kunsill Lokali tal-Mellieha li f'dik it-triq ma saru l-ebda xogholijiet sa sena wara l-incident. L-imputat jghid li r-ritratti hadhom xi xhur wara l-incident, ghalhekk, minkejja li ma saurx xogholijiet, il-Qorti ma tistax tkun zgura li l-istat tat-triq kif tidher fir-ritratti jirifletta kif kienet it-triq fil-gurnata ta'l-incident. Fi kwlaunkwe kaz, u anke jekk il-Qorti taccettahom bhala prova ta' kif kienet it-triq dak in-nhar ta'l-icident, frankament ma tara xejn li huwa kompatibbli ma dak li xehed l-imputat. M'hemmx dubbju li minn dak li jidher mir-ritratti it-triq zgur ma jistax jinghad lil hija xi wahda perfetta, anzi. Jidher li hemm kien xi qtugh, xi dizlivelli zghar u anke ftit patching li jidher maghmul b'l-addocc; pero hofor fil-vera sens tal-kelma m'hemmx.

Ikkunsidrat

Illi ai termini tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali l-imputat qed jigi addebietat b'tlett reati:

- Sewqan b'velocita eccessiiva;
- Sewqan traskurat, bla kont u perikoluz;
- Offiza (involontarja) gravi.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni hija dik bazata fuq r-regolament 127 ta' l-Avviz Legali 128 tas-sena 1984. Din hija wahda ta' natura kontravvenzjonali u ghalhekk, ai termini ta'l-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, preskrivibbli bid-dekors ta' tlett xhur.

Illi l-incident in ezami sehh nhar it-28 ta' Dicembru 2012. L-imputat deher l-ewwel darba quddiem din il-Qorti ghall-udjenza ta'l-24 ta' April 2014 pero ma jirrizultax bi precizzjoni meta gie notifikat bic-citazzjoni. Dak li jirrizulta hu li c-citazzjoni giet mahruga f'l-10 ta' April 2014; isegwi ghalhekk li l-imputat necessarjament gie notifikat wara din id-data u ghalhekk wara d-dekors tat-tlett xhur mid-data ta'l-incident.

Illi konsegwentment l-ewwel imputazzjoni hija preskritta.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'sewqan traskurat, bla kont u perikoluz; u permezz tat-tielet imputazzjoni qed jigi

akkuzat li b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regoli tat-traffiku kkawza offiza ta' natura gravi a dannu ta' Pio Valletta.

Illi biex jirrizulta d-delitt ta' offiza involontarja hemm bzonn

> *li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b' ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*[20].

Illi dan il-principju huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali f'sentenza aktar recenti minn dik hawn fuq kwotata, wara li ghamlet referenza ghall-bran hawn fuq riprodott esprimiet ruhha hekk:

> *Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*
>
> *"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a*

[20] Ref Pulizija vs Louis Portelli Appell Kriminali deciza 04.02.1961.

*fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-*

*hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'.*

*.... Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta.*[21]

Illi f'sentenza ohra taghha[22], il-Qorti ta'l-Appell Kriminali regghet ghamlet ezami approfondiet tad-dottrina u gurisprudenza in tema u wara li rriaffermat dak li qalet il-Qorti fis-sentenza Il-Pulizija vs Louis Portelli[23] kompliet hekk:

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz, hemm necessarjament l-element ta' attivita' dirett ghal xi fini partikolari li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjonijiet jistghu jigu lezi jew danneggjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi. ...*

*Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' ligijiet, regolament, ordnijiet u simili: L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali, cioe, kif jghid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta'regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u*

---

[21] Ref Pulizija vs Richard Grech deciza 21.03.1996.
[22] Pulizija vs Saverina sive Rini Borg d eciza 31.07.1998.
[23] Op cit

*specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta'hsara u dannu lil terzi, cioe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni, ....*

*Taht dawn il-forom ta' kondotta kolpuza sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta'osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibilita' tibqa essenzjali taht kull forma ta'kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa dejjem il-nota saljenti f'kull forma ta' kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta'imprudenza, negligenza u imperizja, mentre hija prezunta fil-forma l-ohra fejn si tratta ta'reati minhabba non-osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-kazijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghal kuntrarju. Hija hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistghax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba in-nuqqas ta'osservanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif jghidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissosstitwixxi dik ta' l-agent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta voluntarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat b'l-uzu ta'attenzjoni jew prudenza fi grad ta'persuna normali.*

Illi f'din l-istess sentenza il-Qorti qalet ukoll li:

*Hu risaput li dan l-element tal-prevedibilita, fil-kaz tal-kolpuz fil-kamp penali hu, kif jesprimi ruhu l-Archbold "a reckless disregard for the safety of others' u hu propju dan li jgib in-negligenza kriminali.*

Illi ghalhekk dak li jrid jigi pruvat f'kaz ta' offiza involontarja huwa "kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b'ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju". Applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami biex tissussisti t-tielet imputazzjoni jrid jigi pruvat kondotta volontarja u negligenti (kif hawn spjegat) ta' l-imputat u ness ta' kawzalita bejn din il-kondotta u l-offiza kagunata lill-parte leza.

Illi b'referenza partikolari ghal responsabbilta f'sinistri stradali gie ritenut li *accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minnhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra . Hawnhekk , ..... jaqa' fuq dik il-persuna l-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija*[24]. Dan ghaliex jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li jissejjah "res ipsa loquitur". S'intendi il-grad ta' prova fil-kaz ta' akkuzat jasal biss sa dak tal-probabbli u mhux tenut li jipprova beyond *reasonable doubt* kif jinkombi fuq il-prosekuzzjoni. Fil-fatt gie ritenut ukoll li *jistghu jirrizultaw certi provi indizjarji jew circumstantial evidence li joholqu certi presumptions of fact kontra s-sewwieq, li f'l-assenza ta' spjegazzjoni li tilhaq il-grad tal-probabbilta' jistghu anki jwasslu ghall-htija tas-sewwieq*[25].

Illi *ma hemmx dubju li l-fatt li driver jitlef il-kontroll tal-karozza w jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq minnu nnifsu hija prova ndizjarja jew circumstantial evidence li tohloq presumption of fact ta' sewqan hazin, ghax driver suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll*[26].

Illi dawn il-principji gew riaffermati f'diversi sentenzi tal-Qrati taghna. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Pulizja vs Kevin Caruana[27] l-Qorti ta' l-Appell Kriminali wara li ghamlet referenza ghal dawn il-principji, applikathom hekk fil-kaz minnha deciz[28]:

> *l-appellant qed iqajjem id-difiza tal-casus kagjonata minn skiddjar tal-vettura tieghu. .... F'materja ta' "skidding" il-principju regolatur ma jistax hlief ikun dan. L-skid wahedha mhix la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi ndagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabbilta' nonostante l-skid. Jekk ma tirrizultax, allura l-skid hija a good defence ghax tkun inevitable accident. Ghaldaqstant biex tirmexxi d-difiza tal-skid, jinhtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-"skid" dovuta ghall-art tizloq imma ukoll li l-"skid" saret bla ebda negligenza tieghu w li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq. Meta driver jipprova mhux biss il-fatt tal-"skid" "sic et simpliciter" , imma jipprova*

---

[24] Appell Kriminali Pulizija vs Nazzareno Farrugia Vol. XXXIII p.968.
[25] Ref Pulizija vs James Abela Appell Kriminal deciz 11.07.2002.
[26] Ref Pulizija vs Neville John Psaila Appell Kriminali deciz 20.03.2003.
[27] Mghotija fi3-3 ta' April 2003.
[28] Dak il-kaz kien jirrigwarda habta wara li sewwieq tilef il-kontroll ghaliex skiddja u hu allega li skiddja ghax l-art kienet imxarrba. Fil-kaz in ezami t-telfien ta' kontroll ma kienx rizultat ta' skid pero l-principji enunzjati mill-Qorti f'dak il-kaz jistghu japplikaw b'analogija ghall-kaz in ezami.

*ukoll li l-"skid" saret bla ebda htija tieghu , izda accidentalment b'mod li l-vettura , bla htija tieghu w accidentalment, saret inkontrollabbli, allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabilta' kriminali.*

Illi dan necessarjament ghandu jwassal ghall-konkluzzjoni li sewwieq ma jistax jistrih fuq d-difiza ta'l-iskid jekk din kienet kawzata minhabba xi negligenza tieghu. Konsegwentement biex l-imputat fil-kaz in ezami jgawdi minn difiza simili[29] jrid jigi pruvat li t-telfien tal-kontroll tal-vettura da parti tieghu ma kenitx rizultat ta' negligenza tieghu u li l-incident kien inevitabbli u attribwibbli biss ghal *casus*.

Illi huwa pacifiku ukoll f'l-ordinament guridiku taghna x'jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz:

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

*Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*[30]

[29] Hu jghid li tilef il-kontrol tal-vettura tieghu minhabba li kien hemm hofra fit-triq.
[30] Ref Pulizija vs Alfred Mifsud Appell Kriminali deciz 06.05.1997.

Illi naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan. F'l-istess sentenza hawn kwotata gie ritenut ukoll li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' *recklessness* li giet definita bhala *wilfully shutting one's eye*. Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali

Ikkunisdrat

Illi kif diga ntqal aktar 'l fuq id-dinamika ta' l-incident hija cara u tirrizulta ampjament. Il-parte leza kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq meta l-imputat li kien gej mid-direzzjoni opposta tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, qasam ghan-naha l-ohra tat-triq, habat ma' vettura li kienet ipparkjata, mexa' wiehed u tlettin metru u habat mal-vettura tal-parte leza li b'l-impatt giet at right angles mat-triq b'nofsha fuq il-bankina. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-parte leza m'ghandu l-ebda parti fir-responasbbilta ghal dan l-incident[31]. Hu kien qieghed fil-karreggjata tieghu, b'velocita fil-limiti ghal dik it-triq; kien l-imputat li invada l-karreggjata tal-parte leza u habat mieghu.

Illi fit-termini tal-gurisprudenza fuq kwotata l-incident *minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minnhabba htija ta'l-imputat milli ghal kawzi ohra* ghalhehk *jaqa' fuq l-imputat il-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija.* U huwa propju dak li prova jaghmel l-imputat billi jghid li huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu minhabba dak id-dawl li ra u l-hofra li fiha ha skoss. Pero fil-fehma tal-Qorti l-imputat ma gabx provi sufficjenti, imqar sal grad tal-probabbli[32], in sostenn ta' dawn l-allegazzjonijiet.

Illi jibda biex jinghad li l-imputat ma tantx jista' jitqies bhala kredibbli. Jghamel hafna asserzjonijiet li huma kontradetti. Kif diga ntqal ir-ritratti esebiti ma jurux hofor; juru triq li, ghalkemm assolutament ma tistax tigi deskritta bhala wahda perfetta jew "tajba", pero zgur li turix hofor ta' tali proporzjon li **min ikun qed isuq b' velocita regolamentari** u jiehu skoss fuqhom jista' jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu bil-mod kif gara lill-imputat.

[31] Fil-fatt m'hemm l-ebda allegazzjoni f'dan is-sens. La mill-prosekuzzjoni u lanqas mid-difiza.

[32] Ghaliex in kwantu imputat huwa tenut jipprova dak li jallega sal grad tal-probabbli u mhux 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha terga taghmel referenza ghad-dinamika ta'l-incident u anke ghal dak li jirrakkonta l-imputat. Huwa jghid li b'l-iskoss li ha mal-hofra habat rasu mal-pilastru tal-bieba b'tali forza li ma jiftakar xejn aktar minn dak il-mument. Bhala rizultat tat-telfien tal-kontroll fis-sewqan da parti ta'l-imputat huwa qasam it-triq, habat f'vettura ipparkeggjata, kompla miexi ghal wiehed u tlettin metru sa kemm habat mal-parte leza. F'dan ir-rigward wiehed ma jridx jinsa li anke wara dan it-tragitt kollu l-impatt mal-vettura tal-parte leza kien qawwi hafna. Din id-dinamika, u anke dak li jghid li gralu l-imputat, huma ndikattiva ta' haga wahda biss: velocita qawwija hafna. Fil-fatt il-Qorti hija konvinta li kieku l-imputat kien qed isuq entro l-limiti tal-velocita ghal dik il-lokalita ma kienx jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu u l-incident jew ma kienx isehh, jew kieku sehh ma kienx ikollu l-effetti li kellu.

Illi ghandu jigi rilevat ukoll li l-imputat huwa mill-Mellieha, u jidher li huwa familjari hafna mat-triq fejn sehh l-incident. Huwa ghalhekk bilfors kien konsapevoli ta'l-istat tat-triq, hekk kif kien konspevoli ta' x'inhuma l-limiti tal-velocita ghal dik it-triq[33]. Minkejja din il-konsapevolezza huwa ghazel li jsuq b'velocita ferm ghola minn dik regolamentari. Dan mhux biss huwa agir li jiddipartixxi minn dak mistenni minn *bonus pater familias* imma jindika bic-car li l-imputat deliberatament ha riskju u krea perikolu ghal terzi. Fil-fatt fil-fehma tal-Qorti l-agir ta'l-imputat jinkwadra ruhu f'sewqan perikoluz.

Illi jirrizulta li kemm il-vettura ta' Neal Borg u dik ta' Pio Valletta soffrew hsara konsiderevoli. Jirrizulta ampjament ukoll li bhala rizultat ta' dan l-incident Pio Valletta soffra griehi gravi hafna li wasslu ghal dizabilita permanenti li skond ir-rapport esebiet[34] hija ta' tmintax fil-mija.

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li jezisti ness ta' kawzalita bejn il-kondotta volontarja negligenti ta'l-imputat (sewqan perikoluz u nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku) u l-offiza sofferta mill-parte leza. Aktar minn hekk m'ghandu jkunn hemm l-ebda dubbju li ghal persuna ta' esperjenza ordinarja bhal m'hu l-imputat[35] l-event dannuz (it-telfien ta' kontroll tal-vettura u l-incident sussegwenti) ghalkemm mhux volut kien *prevedibbli,u seta' jigi evitat b'l-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali.*

[33] Mistoqsi in kontro ezami jghid li l-limitu ghal dik it-triq huwa hamsa u hamsin kilometru.
[34] Dok TA1 a fol 79 et seq.
[35] Adult ta' tnejn u erbghin (42) sena fid-data ta'l-icident.

Illi fid-dawl tas-suespost l-Qorti hija sodisfatta li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet gew sodisfacjentment pruvati kif dedotti.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-fedina penali kwazi netta tieghu. Dwar is-sottomissjoni tad-difiza li l-imputat ghandu bzonn l-licenzja tas-sewqan ghal xogholu u t-talba biex f'kaz ta' htija ma timponiex sospensjoni tal-licenzja din il-Qorti tirrileva li ai termini ta' l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta s-sospensjoni tal-licenzja hija tassattiva f'kaz ta' sewqan bi traskuragni kbira jew sewqan perikoluz. Aktar minn hekk pero l-Qrati taghna (inkluz il-Qorti ta' l-Appell) kemm il-darba kellhom okkazzjoni jirrilevaw li l-htiega ta' licenzja ta' sewqan ghax-xoghol mhiex raguni sufficjenti biex il-Qorti ma timponiex is-sospensjoni. Anzi l-Qorti ta'l-Appell tghallem li persuni li jiddependu fuq il-licenzja tas-sewqan ghandhom joqghodu aktar attenti biex ma jaghmlu xejn li jista jwassal ghat-telfien ta' dik il-licenzja.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, fil-waqt li tiddikjara l-ewwel imputazzjoni preskritta, wara li rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikundannah multa ta' tlett elef Euro (€3,000) u tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' erbgha (4) xhur.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**